MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-3 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 1158/2011

**Francis Cassar**
**vs**
**Joseph Zammit**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' Joseph Zammit tat-22 ta Novembru 2011;

Rat id-digriet taghha tal-istess jum ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimata b'sebat ijiem ghar-risposta;

Rat ir-risposta tal-intimat tal-21 ta Dicembru 2011;

Rat l-atti kollha inkluz l-mandat ta' sekwestru, il-kontromandat limitat ghat-trasferiment tax-xarabank, l-atti tal-kawza 393/2011.

**Ikkunsidrat**
Illi r-rikorrenti qed jipprova jirrevoka mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 434/2011 mahrug fil-25 ta' Marzu

2011. F'dan il-mandat Francis Cassar qed jallega li Joseph Zammit qed izomm indebitament is-somma ta' €282,000 rappresentanti flus li gew ricevuti minnu bhala prezz ta' trasferiment tax-xarabank DBY317 minghand Transport Malta kif ukoll danni kagonati lil Francis Cassar minhabba dan l-agir illegali. Hu segwa dan il-mandat bil-kawza 393/2011MCH.

Jirrizulta mill-atti illi fit-2 ta' Settembru 2011 sar kontromandat limitatament biex isir it-trasferiment tax-xarabank.

Joseph Zammit qed jallega fit-talba ghar-revoka tal-imsemmi mandat illli ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet billi x-xarabank kien u ghadu jghajjat lil Joseph Zammit li dahal f'konvenju ta' bejgh mal-konjugi Farrugia dwar dan ix-xarabank fit-22 ta' Jannar 2004 liema bejgh ghadu ma sarx peress li dan jista jsir biss wara li l-konjugi Farrugia jkunu hallsu l-prezz kollu. Il-konjugi Farrugia dahlu f'konvenju ta' bejgh tal-istess xarabank ma' Francis Cassar u certu Deborah Richard ad insaputa ta' Joseph Zammit u ghalhekk ma hemm ebda konnessjoni legali bejnu u Francis Cassar izda l-unika relazzjoni hi mal-konjugi Farrugia. Hu zied li ghalkemm gie esibit minn Cassar dokument li hu dikjarazzjoni maghmula minn Carmelo Farrugia fid-19 ta' April 2009 li thallas is-somma dovuta lilu fuq il-vettura DBY317 dan hu dokument falz li dwaru hemm kawzi pendenti bejn il-konjugi Farrugia u Cassar.

Joseph Zammit izid illi inoltre il-ftehim ma' Farrugia sar minn Cassar u minn Deborah Richard flimkien u ghalhekk Cassar ma jistax jaghmel talbiet f'sekwestru ghal ammont kollu allegatament dovut.

Fl-ahhar jallega li l-valur tax-xarabank ma hux aktar minn €123,000 u ghalhekk l-ammont li ghalih inhareg il-mandat ta' sekwestru hu eccessiv.

Mill-banda l-ohra Francis Cassar fir-risposta tieghu esebixxa zewg dokumenti wiehed datat 10 ta' Ottubru 2008 fejn il-konjugi Richard genituri ta' Deborah Richard

accettaw id-dejn rimanenti fuq ix-xarabank flok il-konjugi Farrugia u hallsu lil Joseph Zammit l-imsemmi ammont li da parti tieghu jiddikjara li ma kienx fadallu dritt jew pretensjoni fuq ix-xarabank. L-iskrittura l-ohra datata 11 ta' Dicembru 2009 hi bejn il-konjugi Richard u Francis Cassar fejn il-konjugi Richard jaqblu li Joseph Zammit ghandu jaqleb ix-xarabank fuq Francis Cassar.

Joseph Zammit qed jitlob ir-revoka taht l-artikoli 836(1)(c), (d) u (f) tal-Kap. 12. Dawn id-disposti ta' ligi jaghtu lok ghal revoka jekk:

c) ikun hemm garanzija xierqa ohra biex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-Qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni;
d) jintwera li l-ammont mitlub ma hux prima facie gustifikat jew ikun eccessiv;
f) jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhux aktar mehtieg jew gustifikabbli.

Qabel xejn jigi rilevat li l-indagini tal-Qorti fil-proceduri dwar mandat kawtelatorju ghandu jkun biss wiehed prima facie jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni ghall-istess indipendentement jekk hijiex fondata jew le tali pretensjoni peress li tali pretensjoni trid tigi ezaminata fid-dettall fil-mertu fil-proceduri opportuni.

Il-pretensjoni ta' Francis Cassar hi li ghandu jedd ghar-rikavat ta' xarabank bin-numru DBY317 oltre danni sofferti stante li r-rikavat inzamm indebitament minn Joseph Zammit li allegatament ma ghandu ebda jedd fuq ix-xarabank ghax is-sidien huma hu u Deborah Richard skond l-iskrittura tas-7 ta' Gunju 2008.

Din il-Qorti mhix ser tidhol tesplora il-kobba mhabbla ta' dokumenti esibiti in sostenn ta' tezijiet reciproci tal-partijiet pero id-dokumenti 'A' u 'B' annessi mar-risposta ta' Francis Cassar fl-atti tar-rikors revoka odjerni juru prima facie li Joseph Zammit iddikjara fil-konfront tal-konjugi

Farrugia genituri ta’ Deborah Farrugia li ma ghandux jeddijiet fuq ix-xarabank u l-konjugi Richard qed jiddikjaraw li ma jsibux oggezzjoni li Joseph Zammit jitrasferixxi x-xarabank fuq Francis Cassar.

Minghajr pregudizzju ghal partijiet kollha dwar l-awtenticita, legalita jew veracita tad-dokumenti esibiti u l-mertu tal-pretensjoni ta’ Francis Cassar jidher li Francis Cassar ghandu prima facie dritt kontra Joseph Zammit rigward l-imsemmi xarabank jew ir-rikavat tieghu li skond l-istess Cassar gie ricevut minn Joseph Zammit.

Dan ma jfissirx li Cassar ghandu ragun fil-mertu tal-azzjoni izda biss li ghal fini tal-hrug tal-mandat gie stabbilit in-ness legali tal-allegat indebitu minn Joseph Zammit fil-konfront ta’ Cassar u dan hu bizzejjed biex jigi radikat id-dritt ghat-talba u hrug ta’ mandat ta’ sekwestru in kawtela tad-drittijiet tas-sekwestrant u l-gustifikazzjoni ghal hrug tieghu. Il-Qorti tqis ghalhekk, u dan qed jigi enfazizzat, illi ghal fini tal-hrug tal-mandat ma ntweriex li mhux ragonevoli li ma ghandux jibqa’ fis-sehh sakemm ghadha ghaddejja l-kawza fil-mertu u ma ngiebet ebda cirkostanza pruvata bhala konkreta u konvincenti li ggieghel lil din il-Qorti iqis li mhux ragonevoli jew gustifikabbli kif jitlob l-artikolu 836(1)(f).

Ir-rikorrenti talab ir-revoka tal-mandat a bazi tas-subincizi (c) tal-artikolu 836(1) cioe li hemm garanziji ohra li jissodisfaw il-pretensjoni ta’ Francis Cassar. Din hi prova li kellu jaghmilha r-rikorrenti li pero ma gab ebda prova dwarha u ghalhekk il-Qorti trid tiskartaha.

Ir-rikorrenti wkoll qed jibbaza t-talba tieghu fuq l-artikolu 836(1)(f) u jallega li l-ammont kawtelat hu eccessiv. In sostenn gab zewg provi cioe li l-konvenju fuq ix-xarabank ma sarx ma’ Francis Cassar biss izda ma’ Deborah Richard indivizament u li l-prezz tax-xarabank mhux akbar min €123,000 skond dokument li esibixxa. Francis Cassar ma jirrispondix ghal dawn il-provi li fil-fehma tal-Qorti jidhru konvincenti bizzejjed dejjem fuq bazi prima facie biex l-ammont kawtelat jidher bhala wiehed eccessiv anki jekk Francis Cassar fl-istess mandat jindika bhala

kawzali mhux biss il-valur tax-xarabank izda wkoll danni ghall-agir illegali tal-istess Joseph Zammit.

Il-Qorti tqis li l-ammont kawtelat ta’ €282,000 mhux gusitifkabbli bla provi ulterjuri u ghalhekk ghal finijiet tal-mandat ta’ sekwestru u dejjem bla pregudizzju ghal mertu tal-azzjoni l-ammont indikat fil-mandat ghandu jigi mnaqqas ghal €100,000 u dan in vista tal-fatt illi l-iskrittura tal-bejgh hi favur Cassar u Richard indivizament u wkoll il-prezz indikat tal-bejgh fl-iskrittura ta’ bejgh. Inoltre s-sekwestru sar minn Cassar wahdu mhux ma’ Deborah Richard.

Stante li l-Qorti ser tilqa’ in parti dan ir-rikors hu opportun tigi wkoll mistharrga t-talba tar-rikorrent ghal impozizzjoni ta’ penali kif irid l-artikolu 836(8)(d) jekk it-talba ghal hrug tal-mandat kienet malizjuza frivola u vessatorja. Il-Qorti mhix konvinta li jezistu l-estremi ta’ dan is-subartikolu u ma ngiebet ebda prova ta’ dan. Ghalkemm qed jigi milqugh l-aggravju tal-eccess fl-ammont mitlub, ma ntweriex li t-talba ghal hrug tal-mandat fih innifsu kien maghmul b’malizja jew kien frivolu jew vessatorju, u dan b’riserva tad-drittijiet tas-sekwestrat jekk wara tmiem il-vertenza bejn il-partijiet is-sekwestrant ma jinghatax ragun fit-talbiet tieghu. Wara kollox mandat ikun inhareg b’riskju ta’ min ikun talbu li jista’ eventwalmwent jesponu ruhu ghal azzjoni ta’ danni.

La darba mhux qed tigi milqugha din it-talba ma tistax tintlaqa’ t-talba taht l-ewwel parti tal-artikolu 838A cioe ghal garanzija ghal hlas tal-penali billi ma hu qed jigi impost ebda penali f’dan il-kaz. Rigward il-garanzija taht it-tieni parti tal-istess artikolu biex tigi imposta garanzija biex taghmel tajjeb ghad-danni u imghax, hu illum assodat illi min jitlob din il-garanzija irid juri kawza gusta ghall-impozizzjoni taghha jew li garrab xi danni direttament minhabba l-hrug tal-mandat. F’dan il-kaz ir-rikorrenti hu sieket u ghalhekk din il-Qorti ma tistax taccedi ghat-talba tieghu taht dan l-artikolu.

**Decide**

Ghalhekk din il-Qorti qed tilqa’ r-rikors ta’ Joseph Zammit limitatament fejn jirrigwarda l-artikolu 836(1)(d) u tiddeciedi illi l-ammont kawtelat fil-mandat ta’ sekwestru numru 434/2011 hu eccessiv u ghandu jigi ridott immedjatment mis-sekwestrant ghall-ammont ta’ €100,000 u ghal bqija tichad it-talbiet l-ohra tar-rikorrenti.

Spejjez ta’ dawn il-proceduri fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------